# LIL DUN ANTON MIFSUD

Hemm it-trieq tal-Pjaċir, watja, xemxija
Fejn ilellex ward ċkejken bil-mijiet,
U tittajjar il-friefet f'dik id-dija
U tal-għasel titpaxxa bil-ħlewwiet.

Hemm it-trieq tas-Salib, ħarxa, ġeblija
Fejn jixxebłek l-għolliq ma' xi wardiet,
Tielgħa ma' ġenb il-għolja tat-tbatija,
Ħamra bid-demm ta' nies li minnha għaddiet.

Int għażilt din ta' l-aħħar, għaliex Alla
Sejjaħlek hawn, u int weġibt għas-sejħa:
Fuq tamietek illum tiddi l-Qawsalla.

Oh kieku d-dinja tidħol fis-santwarju
Tar-Ruħ u tara fehmtek kemm hi sbejħa!
Il-Ħena jwarrad biss fuq il-Kalvarju.

Dun Karm.